**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MCKEON

**Illum it-Tnejn 30 ta` Novembru 2015**

**Kawza Nru. 16**
**Rik. Gur. Nru. 391/14JZM**

**Avukat Dr. Tonio Fenech KI Nru. 473663(M) bhala Mandatarju Specjali tas-socjeta` estera Campadre Scandinavia AB, kumpannija registrata gewwa l-Isvezja, indirizz ta` registrazzjoni Regeringsgaten, 25, 1153, Stokkolma, l-Izvezja, Numru ta` registrazzjoni tal-VAT SE556795-7245-01**

***kontra***

**1. Interdrive Limited (C-51382)**

***u***

**2. Tina Agri Passaport Germaniz Nru. 118714844, u b`digriet tat-30 ta` Ottubru 2014 gew mahtura l-Avukat Dr. Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Pauline Mallia bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Tina Agri, u b`digriet moght fl-24 ta` Lulju 2015, il-Prokuratur Legali Pauline Mallia giet imnehhija mill-kariga ta` kuratur u giet sostitwita bil-Prokuratur Legali Joanna Borg Costanzi**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-13 ta` April 2011 li jaqra hekk :–

*1. Illi r-rikorrent nomine qieghed jintavola l-proceduri odjerni fil-vesti tieghu ta` Mandatarju Specjali tas-socjeta` estera Campadre Scandinavia AB, registrata gewwa l-Isvezja u dan ai termini ta` Prokura datata 14 ta` Frar 2014, kopja annessa u mmarkata Dok. TF1.*

*2. Illi s-socjeta` Campadre Scandinavia AB topera gewwa l-Isvezja f`negozji varji fosthom ix-xiri u l-bejgh ta` hwejjeg u accessorji tal-moda originali u lussuzi.*

*3. Illi s-socjeta` intimata, kumpannija registrata gewwa Malta, tirreklama ruhha fuq is-sit elettroniku taghha interdriveltd.com bhala socjeta` illi tbigh oggetti tal-moda ta` ditti lussuzi madwar diversi pajjizi filwaqt illi l-intimata Tina Agri, ta` nazzjonalita` Germaniza, hija l-unika direttur u azzjonista tas-socjeta` intimata u jidher illi tirrisjedi barra minn Malta. Dan kif indikat f`estratt mill-Involvement List tal-Malta Financial Services Authority (MFSA) kopja ta` liema qed tigi annessa u mmarkata Dok. TF2.*

*4. Illi s-socjeta` intimata tirreklama l-prodotti minnha mibjugha fuq sit elettroniku (l-internet) b`mod partikolari tramite komunikazzjoni ma` zewg individwi, ukoll ta` nazzjonalita` barranija Marco Marini u Christian Zickler.*

*5. Illi f`Jannar tas-sena 2014, is-socjeta` rikorrenti ghazlet li taghmel negozju ma` Interdrive Limited liema negozju kien jikkonsisti fix-xiri ta` hwejjeg, accessorji u oggetti ohra tal-moda originali ta` varji ditti ta` lussu fosthom Alexander McQueen, Selma, Bedford u hafna marki ohra. Il-prezz miftiehem kien ta` €77,649 u skond il-ftehim, is-socjeta` rikorrenti kellha thallas tmenin fil-mija (80%) tal-prezz minnufih filwaqt illi l-bilanc kellu jithallas fi zmien hmistax-il gurnata. Dan kif indikat fid-dokument hawn anness u mmarkat Dok. TF3.*

*6. Illi l-hlas sar permezz ta` trasferiment bankarju mis-socjeta` rikorrenti a favur is-socjeta` intimata f`kont specifikament indikat mis-socjeta`*

*intimata ma` HSBC Bank Malta plc. Dan kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat Dok. TF4.*

*7. Illi nonostante konferma illi l-konsenja kienet ntbaghtet lis-socjeta` rikorrenti, is-socjeta` rikorrenti baqghet ma recevietx il-konsenja u tentattivi varji sabiex il-kwistjoni tigi rizolta bonarjament anke permezz ta` ittri legali mibghuta lill-intimati, sfaw inutili ghaliex gew totalment injorati mis-socjeta intimata u l-konsenja baqghet ma waslitx ghand is-socjeta` rikorrenti.*

*8. Illi ghalhekk fid-19 ta` Frar 2014, is-socjeta` rikorrenti kienet kostretta tintavola Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju Nru. 294/14 (kopja annessa u mmarkata Dok. TF5) sabiex tikkawtela il-pretensjonijiet taghha u tiggarantixxi restituzzjonijiet tal-flus mhallsa u cioe €62,120.*

*9. Illi sa zmien ghoxrin gurnata mid-data tal-prezentata tal-mandat kawtelatorju 294/14 ma kien sar l-ebda depozitu minn ebda mis-sekwestratarji indikati fil-mandat tas-sekwestru kawtelatorju u ghalhekk, is-socjeta` rikorrenti ddecidiet illi ma tiehu l-ebda passi ulterjuri stante l-impossibilita` imminenti illi tirkupra il-flus lura minhabba nuqqas ta` fondi jew assi ohra tal-intimati gewwa Malta.*

*10. Illi fl-4 ta` April 2014 u cioe sebgha gimghat wara il-prezentata tal-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju, is-sekwestratarju HSBC Bank Malta plc iddepozita s-somma ta` €62,120 taht l-awtorita` ta` dina l-Onorabbli Qorti u dan ai termini ta` cedola ta` depositu Numru 413/14, kopja ta` liema qed tigi annessa u mmarkata Dok. TF6.*

*11. Illi kien proprju f`dawk il-granet illi, kif ser jigi ppruvat waqt l-andament tal-kawza, is-socjeta` intimata ghamlet kuntatt mas-socjeta` rikorrenti u talbitha tilhaq ftehim bonarju stante l-fatt li s-sekwestru tal-flus kien qed jikkawza danni estensivi lis-socjeta` intimata.*

*12. Illi s-socjeta` rikorrenti li kellha interess tottjeni l-konsenja stipulata, anke in vista ta` negozju li lahqet ghamlet ma` terzi a bazi ta` l-istess, lahqet ftehim li permezz tieghu obbligat ruhha illi tintavola kontromandat ghall-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju 294/14 u tawtorizza l-izbank tal-flus hekk milquta, filwaqt li s-socjeta` intimata obbligat ruhha illi tibghat il-konsenja kif pattwit. Dan kif indikat fil-korrispondenza kopja annessa u mmarkata Dok. TF7.*

*13. Illi s-socjeta` rikorrenti effettivament intavolat il-kontromandat kif miftiehem nhar il-Gimgha 11 ta` April 2014. Kopja tal-kontromandat qed tigi*

*annessa u mmarkata Dok. TF 7A u awtorizzat l-izbank favur Interdrive Limited nhar it-Tnejn 14 ta` April 2014 u dan kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat Dok. TF 8 u dan permezz ta` struzzjonijiet moghtija lill-Avukat sottofirmata.*

*14. Illi wara l-hrug tal-kontromandat is-socjeta` rikorrenti fethet il-merkanzija izda minn analizi tal-merkanzija da parti tas-socjeta` rikorrenti, irrizulta illi l-merkanzija kienet tikkonsisti f`oggetti foloz (counterfeit) - dan nonostante illi l-oggetti mertu tal-bejgh kellhom ikunu strettament oggetti awtentici u originali. Dan kif rifless fil-ftehim bejn il-partijiet u t-termini u kundizzjonijiet ta` akkwist iffirmati mis-socjeta` intimata stess. Kopja tad-dokument qed tigi annessa u mmarkata Dok. TF 9.*

*15. Illi in vista ta` dan l-att manifestament frawdolenti u l-mala fede ta` l-intimati u in vista tar-riskju imminenti illi l-flus precedentement maqbuda bil-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju (u li kienu jikkostitwixxu l-unici assi ta` l-intimati gewwa Malta), jinhelsu a favur is-socjeta` intimata b`detriment permanenti u rrevokabbli ghas-socjeta` rikorrenti, is-socjeta` rikorrenti kienet kostretta titlob il-ftuh tar-Registru tal-Qorti b`urgenza nhar il-Hamis 17 ta` April 2014 sabiex tintavola Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju iehor Mandat Nru. 595/14. Kopji tar-rikors ghall-ftuh tar-Registru b`urgenza, ta` l-Awtorizzazzjoni tal-Qorti ghall-ftuh tar-Registru b`urgenza kif ukoll il-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju qed jigu annessi u mmarkati Dok. TF 10, TF 11 u TF 12 rispettivament.*

*16. Illi rrizulta wkoll illi l-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju gie wkoll in mala fede emendat in parti stante illi d-data tan-notifika taz-zewg sekwestratarji li kellhom jew setghu ikollhom il-fondi, u cioe` ir-Registru tal-Qorti u t-Tezor ta` Malta (Accountant General), gew emendati manwalment minn terzi mhux identifikati b`mod mhux awtorizzat sabiex jirriflettu d-data tan-notifika tal-mandat bhala 20 ta` April minflok 17 ta` April 2014. Hekk ukoll irrizulta illi ghalkemm il-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju kien apparentement, skond ir-riferta, notifikat lit-Tezor (Accountant General) immedjatament fis-17 ta` April 2014, irrizulta gimgha wara illi l-Marixxal tal-Qorti ma kienx effettivament innotifika lit-Tezor validament izda kien, minhabba allegata zvista, innotifika il-Borza ta` Malta b`dan illi s-socjeta` rikorrenti kienet esposta ghal riskju imminenti illi l-flus jigu rilaxxati mit-Tezor a favur is-socjeta` intimata minhabba negligenza ta` ufficjali tal-Qorti.*

*17. Illi kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza, l-oggetti formanti l-merkanzija li ghaliha sar il-hlas huma foloz (counterfeit) u ma humiex originali u awtentici u ghaldaqstant ma humiex tal-kwalita` pattwita.*

*18. Illi konsegwenza ta` l-azzjonijiet frawdolenti u in mala fede ta` l-intimati, is-socjeta` rikorrenti giet kostretta thallas is-somma ta` €62,120 ghal oggetti li mhux biss waslu ghandha b`xhur ta` tardivita` izda li in piu` rrizultaw li huma foloz. Ghalhekk is-socjeta` rikorrenti sofriet tardivita`, merkanzija ta` oggetti mhux tal-kwalita` pattwita u in piu` giet esposta ghal danni potenzjali minn terzi inter alia il-fashion houses tad-ditti kkoncernati, klijenti u negozjanti ohra kif ukoll telf finanzjarju stante illi ma setghetx tonora l-obbligi taghha ma` terzi li kienu ghamlu l-ordnijiet mas-socjeta` rikorrenti.*

*19. Illi nonostante diversi tentattivi sabiex il-kwistjoni tigi rizolta b`mod bonarju, is-socjeta` rikorrenti ma lahqet l-ebda ftehim u ghaliex is-socjeta` intimata baqghet tishaq li l-oggetti huma awtentici u originali-fatt ghal kollox inveritier kif sejjer jigi ppruvat waqt il-kawza. Ghalhekk, is-socjeta` rikorrenti kellha tirrikorri ghall-proceduri odjerni.*

*Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti, filwaqt li taghmel referenza ghas-suespost, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :-*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-oggetti mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta` rikorrenti mis-socjeta` intimata huma foloz u mhux awtentici u/jew ma humiex tal-kwalita` pattwita, okkorrendo bl-opera ta` esperti mahtura mill-Qorti ghal dan il-ghan.*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati jew min minnhom agixxew in mala fede tul in-negozju kollu mas-socjeta` rikorrenti.*

*3. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` rikorrenti sofriet danni bhala konsegwenza diretta tan-negozju u l-azzjonijiet ta` l-intimati jew min minnhom.*

*4. Tillikwida d-danni kollha sofferti mis-socjeta` rikorrenti konsegwenza tal-bejgh ta` oggetti foloz u/jew mhux tal-kwalita` pattwita okkorrendo bl-opera ta` periti nominandi.*

*5. Tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu d-danni hekk likwidati bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimati jew min minnhom li huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur noei u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Rat illi ghalkemm jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kienet debitament notifikata skond il-ligi ma pprezentatx risposta guramentata.

Rat ir-risposta tas-17 ta` Novembru 2014 li pprezentaw l-Av. Dr. Patrick Valentino u l-P.L. Pauline Mallia li kienu mahura bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti konvenuta Tina Agri fejn inghad *illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero` jirriservaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.*

Rat il-lista tax-xhieda li kienu ndikati mill-kuraturi deputati.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Jan Wind u rat id-dokumenti li kienu annessi.

Semghet ix-xiehda ta` Audrey Ghigo fl-udjenza tat-30 ta` April 2015 u rat id-dokument li pprezentat.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Thomas Behring u rat id-dokumenti li kienu annessi.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezenta l-attur noe fl-4 ta` Mejju 2015.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tas-16 ta` Gunju 2015 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu.*

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

Rat illi ma hemmx ostakolu sabiex il-kawza tkun deciza llum.

## II. Xiehda

**Jan Wind**, Manager tas-socjeta` attrici, xehed bil-procedura tal-affidavit.

**Fil-qosor**, huwa stqarr illi s-socjeta` attrici topera mill-Isvezja. In-negozju taghha jikkonsisti mix-xiri u bejgh ta` oggetti u accessorji ta` lussu. Billi

diversi huma l-fornituri ta` dan ix-xoghol, is-socjeta` attrici tixtri esklussivament minghand dawk li jbieghu oggetti originali. Minhabba n-natura tieghu, il-bicca l-kbira tan-negozju jsir "online". Wara li s-socjeta` attrici tassikura ruhha li tista` tikseb il-prodott minghand il-fornitur fi kwantitajiet adegwati, tibda kampanja "online" li tibqa` miftuha ghal tlieta jew erbat ijiem. Meta ighaddi dan il-perijodu, taghmel l-ordni lill-fornitur skond kemm ikollha hi ordnijiet "online".

Kompla jixhed illi fit-18 ta` Dicembru 2013, huwa rcieva email minghand certu Jim Kanhai, li mieghu s-socjeta` attrici kienet assocjata, fejn qallu dwar opportunita` li kien hemm li jixtru hwejjeg, accessorji u oggetti ohra ta` ditti produtturi ta` oggetti ta` lussu minn kumpannija bl-isem Interdrive Limited li kienet registrata Malta. Din kienet qeghda tippromwovi l-bejgh ta` prodotti ta` lussu mill-website taghha bl-isem "Interdriveltd.com." Jidher li recentement din il-website ma kenitx ghadha tezisti, izda s-socjeta` konvenuta kienet ghadha qeghda tippromwovi n-negozju taghha bhala venditur ta` prodotti ta` lussu. Is-socjeta` konvenuta kienet dehret li kienet kumpannija tajba, u kienet registrata mal-awtoritajiet Maltin. Iz-zewg persuni li ssemmew bhala kuntatt ta` s-socjeta` konvenuta kienu Marco Marini u Christian Zickler.

Fisser illi fix-xahar ta` Jannar tal-2014, is-socjeta` attrici hadet decizjoni li tibda negozju mas-socjeta` konvenuta konsistenti fix-xiri u l-akkwist ta` hwejjeg, accessorji u oggetti ohra ta` lussu, fosthom "scarves" ta` Alexander Mc Queen u "handbags" ta` Michael Kors. Il-promozzjoni ghall-bejgh tal-prodott bdiet "online" fl-10 ta` Jannar 2014. Il-prezz miftiehem mas-socjeta` konvenuta ghall-konsenja tal-prodott kien ta` € 77,649. Skond il-ftehim, is-socjeta` attrici kellha thallas 80% tal-prezz bil-quddiem, u l-bilanc kien dovut fi zmien hmistax –il jum. Irrefera ghall-"invoices" li kienu esebiti bhala Exhibit 3. Wara li ghalqet il-promozzjoni "online", sar l-hlas bil-quddiem ta` 80% tal-prezz fl-20 ta` Jannar 2014, jigifieri €62,120. Il-hlas sar permezz ta` trasferiment bankarju fuq kont li s-socjeta` konvenuta kellha ma` HSBC Bank Malta plc (Exhibit 4).

Spjega illi wara li nbaghtu l-flus, is-socjeta` konvenuta kkonfermat li baghtet ix-xoghol. Is-socjeta` attrici kellha tircievi x-xoghol fit-28 ta` Jannar 2014 izda l-merkanzija ma waslitx. Saru tentattivi bla success sabiex isir kuntatt ma` rapprezentanti tal-kumpannija konvenuta. In segwitu, is-socjeta` konvenuta nfurmat lis-socjeta` attrici li hija ma kenitx responsabbli ghall-konsenja tal-merkanzija u li hija kienet irceviet 10% tal-prezz patwit. Dan it-taghrif wasal ghandu u ghand Jim Kanhai permezz ta` email minghand Marco Marini u Christian Zickler. Fil-fatt mhux hekk kien il-kaz. Is-socjeta` konvenuta kienet direttament responsabbli ghall-offerta u l-konsenja, wara li kienet thallset il-prezz kollu u mhux biss parti.

Stqarr illi s-socjeta` attrici nfurmat lill-avukati taghha kemm fl-Isvezja kif ukoll f`Malta sabiex tinsab soluzzjoni. Fil-frattemp, huwa rnexxielu jaghmel

kuntatt ma` Marco Marini, li ghadu sal-lum jippromwovi n-negozju, li qallu li s-socjeta` konvenuta ma setghetx tirrifondi l-pagament, izda kienet lesta illi tibghat merkanzija ohra. Sabiex tipprova tevita proceduri fit-tul, is-socjeta` attrici accettat il-proposta li tircievi merkanzija ohra bhala kumpens. Din il-merkanzija kellha tikkonsisti fi prodotti tad-ditta Ralph Lauren. Ighid illi kif jirrizulta minn Exhibit 5, il-merkanzija waslet ghand is-socjeta` attrici fid-9 ta` April 2014. Qabel irceviet ix-xoghol, is-socjeta attrici bdiet kampanja promozzjonali "online" ghall-bejgh tal-istess fit-28 ta` Marzu 2014.

Jixhed illi fl-10 ta` April 2014, is-socjeta` attrici baghtet ufficjali taghha sabiex isir ezami tal-merkanzija. Irrizulta illi l-merkanzija kienet kontraffatta ; ma kenitx merkanzija originali u awtentika tad-ditta. Is-socjeta` attrici ghamlet il-verifiki taghha wkoll ma` Gun Falk, li huwa l-Senior Director Concession Europe & District Retail Manager tad-ditta Ralph Lauren. L-esercizzju ta` verifika dam ghaddej ghal xi granet. Fis-16 ta` April 2014 is-socjeta` attrici kellha l-konferma li l-merkanzija kollha ma kenitx orginali. Skond il-ftehim ta` bejn is-socjeta` attrici u d-ditta Ralph Lauren, hija kienet prekluza milli tibghat lura lis-socjeta` fornitrici merkanzija li ma kenitx originali. Min-naha taghha, bejn id-9 ta` April 2014 u s-16 ta` April 2014, is-socjeta` konvenuta baqghet tinsisti li l-merkanzija kienet originali.

Qal illi l-ammont ta` €62,120 baqa` ma giex rifuz lis-socjeta` attrici u dak kien dannu kbir ghaliha. Ir-rizultat tal-promozzjoni "online" kien illi saru 1,483 ordnijiet minn klijenti tas-socjeta` attrici. Billi hija ma setghetx tikkonsenja l-ordnijiet, kellha tisborsa kumpens ta` €10 ghal kull ordni li sar ; ghalhekk inkorriet spiza ta` €14,830. Is-socjeta` attrici nkorriet spejjez legali go Malta u fl-Isvezj fl-ammont ta` €27,605.73 inkluz l-VAT. Inoltre kienet qeghda thallas ammont mensili ta` €170 sabiex tahzen il-merkanzija kontraffatta – total ta` € 1,543.38.

**Audrey Ghigo** mill-HSBC Bank Malta plc ipprezenta Dok HSBC1 li juri li kien sar depozitu ta` €62,120 mis-socjeta` attrici tramite Bank fl-Isvezja ghal go kont tas-socjeta` konvenuta.

**Thomas Behring** kien Manager iehor tas-socjeta` attrici. Huwa xehed ukoll bil-procedura tal-affidavit. Partijiet sostanzjali mill-affidavit tieghu huma identici ghall-affidavit ta` Jan Wind.

**Fil-qosor**, huwa stqarr illi dam jahdem mas-socjeta` attrici sat-30 ta` April 2014. Jiftakar illi lejn l-ahhar tal-2013, is-"sales team" tas-socjeta` attrici li kien kompost minn Jan Wind u Jan Eriksson saru jafu bil-kumpannija konvenuta tramite Jim Kanhai, li kien ilu ghal zmien twil jahdem mas-socjeta` attrici.

Wara li xehed dak li jaf dwar il-mertu ta` din il-kawza, Thomas Behring ighid illi fil-5 ta` Frar 2014, sar kuntatt mad-ditta ta` avukati Maltin - Fenech Farrugia Fiott Legal. Fis-6 ta` Frar 2014, Av. Tonio Fenech baghat ittra legali lis-socjeta` konvenuta wara li kien stabbilit illi s-socjeta` konvenuta kien tezisti u kienet registrata fir-Registru tal-Kumpanniji ta` Malta.

Qal illi l-konvenuta Tina Agri, li hija cittadina tal-Germanja, hija direttur u l-uniku azzjonista ta` s-socjeta` konvenuta.

Kompla jghid illi ghalkemm saru tentattivi sabiex Tina Agri tkun notifikata fl-indirizz taghha fil-Germanja, irrizulta li kienet telqet lejn it-Turkija.

Ighid illi ghax ma kien hemm l-ebda risposta ghall-ittra legali li baghat l-Av. Fenech, fid-19 ta` Frar 2014, kienipprezentat mandat ta` sekwestru fil-qrati Maltin.

Ikompli jghid illi meta, wara ghoxrin gurnata, ma kienx hemm depozitu ta` flus, li allura kien indikattiv tal-fatt illi s-socjeta` konvenuta ma kellhiex fondi, is-socjeta` attrici hadet id-decizjoni li ma tkomplix b`aktar proceduri legali.

Jinsisti li s-socjeta` attrici tat istruzzjonijiet sabiex jittiehdu proceduri kriminali ghal frodi kontra l-konvenuta Tina Agri.

Ikompli jistqarr illi kien biss fl-4 ta` April 2014 li l-HSBC Bank Malta plc effettwa depozitu ta` flus taht l-awtorita` tal-qorti go Malta.

Isostni li wara li sar il-mandat ta` sekwestru, Marco Marini ghamel kuntatt mas-socjeta` attrici u ghalkemm accetta li l-merkanzija ma kenitx wasslet, accetta wkoll li s-socjeta` konvenuta kienet lesta tibghat merkanzija ohra. Marini qal ukoll li s-socjeta` konvenuta ma kellhiex flus u ghalhekk insista mieghu illi bi proceduri gudizzjarji ma kienu sejrin jaslu mkien.

Ighid illi ghalhekk sar kontro-mandat u ftehim sabiex tintbaghat merkanzija ohra. Meta s-socjeta` attrici sabet illi l-merkan zija l-gdida kienet kontraffatta, huwa jaf illi ss-socjeta` attrici tat struzzjonijiet sabiex jigi prezentat mandat ta` sekwestru iehor.

## III. L-istitut tal-kontumacja

Il-konvenuta Interdrive Limited hija kontumaci, ghaliex ghalkemm kienet notifikata skond il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh tal-kawza ma pprezentatx risposta guramentata.

Fil-kaz tal-konvenuta l-ohra l-assenti Tina Agri, ghalkemm il-kuraturi deputati li jidhru ghaliha pprezentaw risposta, hija risposta *b`obbligo* milli *di sostanza* ghaliex mill-kontenut taghha ma tirrizulta l-ebda kontestazzjoni tat-talbiet attrici. Inoltre fil-kors tal-procediment, l-istess kuraturi deputati ma pprezentawx risposta ulterjuri.

L-istitut tal-kontumacja huwa mibni fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghall-pretensjonijiet u ghat-talbiet tal-attur, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala att li jisthoqqlu piena u cioe` dik li ma jkunx jista` jressaq provi (ara : App. Kumm. - 21.5.1993 – "**Vella pro et noe vs Vella**" (**Kollez. Vol. LXXVII.ii.170**). Min-naha l-ohra, minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja ggib maghha, il-Qrati taghna hadu l-linja illi r-rigorosita` tal-procedura ghandha tigi applikata u mfissra b`mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista` jammonta ghal htija, m`ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumacja titqies gustifikata (ara : P.A. - 4.7.1991 – "**Vella pro et noe vs Ellul**" (**Kollez. Vol. LXXV.iii.729**).

Dan premess, inghad ghal diversi drabi mill-qrati taghna illi l-kontumacja m`ghandhiex titqies bhala ammissjoni da parti ta` konvenut tat-talbiet tal-attur. (ara : **Kollez. Vol. XXIX.iii.35**). Ghall-kuntrarju, il-kontumacja dejjem tqieset bhala kontestazzjoni u hekk baqghet meqjusa anke wara l-emendi ghal-ligi tal-procedura li dahlu bl-Att XXIV tal-1995. Ghalhekk jispetta dejjem ghall-gudikant illi jezamina jekk it-talba hijiex gustifikata u dan indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut.

**Is-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fl-10 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "Joseph Vella vs Pierre Cremona" kien appell li ressaq l-attur minn sentenza tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili, li kienet cahdet it-talbiet tieghu bl-ispejjez kontra tieghu, minkejja li l-konvenut kien kontumaci, ghaliex l-Ewwel Qorti kien dehrilha li l-attur ma kienx gab l-ahjar prova kif irid l-Art 559 tal-Kap 12.**

Fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Appell cahdet l-appell tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu, billi *inter alia* ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet :-

*Din il-Qorti tibda billi tosserva li in forza ta' sentenza taghha in parte moghtija fis-6 ta' Dicembru 2002, hija kienet ordnat l-isfilz ta' dokumenti li l-appellant ried iressaq quddiemha ghall-ewwel darba ghar-ragunijiet imsemmijin f'dik is-sentenza.*

*6. Il-funzjoni tal-Qorti ta' l-Appell hija u tibqa' essenzjalment wahda ta' revizjoni u m'ghandha qatt isservi jew tigi uzata biex lakuni li kienu thallew vojta mill-partijiet jew xi wahda minnhom jigu kolmati u "rimedjati" fit-tieni stadju, Minbarra din, jigi osservat ukoll illi hija prassi ta' din il-Qorti li ma tiddisturba qatt leggerment id-diskrezzjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad jekk mhux ghal raguni jew ragunijiet serji li jkunu jiddettaw xort' ohra.*

*7. Huwa pacifiku li l-konvenut appellat ghazel li jibqa' kontumaci f'kawza ta' giljottina minkejja l-fatt li huwa originarjament deher personalment biex jipprova iwiegeb, billi jikkontestaha b'nota ta' eccezzjonijiet, ghat-talbiet ta' l-attur. Giet ikkrejata sitwazzjoni fejn minn banda wahda l-konvenut deher li ried jikkontesta t-talbiet ta' l-attur izda fl-istess waqt baqa' inadempjenti. Pero` anke hawn jigi osservat li l-attur seta' jinduna li l-konvenut, minkejja li certament dan kien negligenti fil-komportament procedurali tieghu, ma kellu qatt verament l-intenzjoni li jaghti lill-attur "walk-over" – espressjoni adoperata mill-appellant innifsu fir-rikors ta' appell …*

*8 … Kontumacja tammonta ghal kontestazzjoni u mhux ghal semplici "walk-over" kif jippretendi l-appellant …*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-Qorti ta' l-ewwel grad kienet gustifikata li tigbed u tasal ghall-konkluzjoni li l-attur appellant ma ressaqx provi sufficjenti in sostenn tat-talbiet tieghu.* ***Il-kontumacja ma tehlisx lill-attur milli jissodisfa r-rekwizit tal-ligi li jressaq provi sal-grad almenu ta' probabilita` u li jressaq l-ahjar prova …*** (enfasi ta` din il-qorti)

***… Il-Qorti ta' l-ewwel grad, in ezercizzju tad-diskrezzjoni fdata lilha, dehrilha li l-attur seta' facilment jipprezenta provi ahjar pero` huwa ghazel li ma jaghmilx dan u ghalhekk dehrilha li ma kienx gust li tilqa' t-talbiet tieghu ghaliex b'hekk hija "tkun qeghda thalli lill-attur jiehu vantagg mhux xieraq mill-kontumacja tal-konvenut jekk toqghod fuq il-kelma ta' l-attur biss".*** (enfasi ta` din il-qorti).

*F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti ma thossx li ghandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti b'dik taghha billi tiddisturbaha bl-iskop li tirrevokaha jew tibdilha. Ma hemm ebda gustifikazzjoni biex dan isir."*

## IV. L-ewwel talba

L-ewwel talba tal-attur noe lill-Qorti taqra hekk :-

*Tiddikjara u tiddeciedi illi l-oggetti mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta rikorrenti mis-socjeta intimata huma foloz u mhux awtentici u/jew ma humiex tal-kwalita pattwita, okkorrendo bl-opera ta` esperti mahtura mill-Qorti ghal dan l-ghan.*

Skond id-disposizzjonijiet tal-**<u>Kap 414 tal-Ligijiet ta` Malta</u>**, *oġġetti li jikkontravvjenu dritt dwar proprjetà intellettwali* huma :

*(a) oġġetti falsifikati, jiġifieri :*

*(i) oġġetti, inkluż l-ippakkettjar taghhom, li jkollhom fuqhom minghajr awtorizzazzjoni trade mark li tkun identika mat-trade mark validament reġistrata ghar-rigward tal-istess tip ta` oġġetti, jew li ma tkunx tista` tiġi distinta fl- aspetti essenzjali taghha minn trade mark tali, u li b`daqstant tikkontravvjeni d-drittijiet tat-trade mark involuta taht il-liġi ta` Malta ;*

*(ii) kull simbolu ta` trade mark (logo, tikketta, sticker, brochure, struzzjonijiet ghall-użu jew dokument ta` garanzija) sew jekk preżentat separatament sew jekk le, fl-istess ċirkostanzi bhalma jkunu l-oġġetti msemmija fil-paragrafu (i) ;*

*(iii) materjal tal-ippakkettjar li jkun fih it-trade marks ta` oġġetti falsifikati, ippreżentati separatament fl-istess ċirkostanzi bhalma jkunu l-oġġetti msemmija fis-subparagrafu (i) ;*

*oġġetti mdahhla b`piraterija, jiġifieri: oġġetti, li jkunu jew ikun fihom kopji maghmulin minghajr il-kunsens tad-detentur ta` drittijiet ta` awtur jew drittijiet relatati, jew tad-detentur ta` dritt ta` disinn, sew reġistrat taht il-liġi nazzjonali sew mhux, jew ta` persuna debitament awtorizzata mid-detentur fil-pajjiż ta` produzzjoni, fejn l-ghemil ta` dawk il-kopji, li kieku kien ikun sar f`Malta, kien jikkontravvjeni d- dritt involut taht il-liġi ta` Malta ;*

Fil-kawza tal-lum, l-unika prova li gabet is-socjeta` attrici sabiex issostni l-ewwel talba hija l-produzzjoni ta` dokumenti li <u>allegatament</u> juru li l-oggetti konsenjati kienu falsifikati.

Qeghda tigi sottolineata l-kelma "allegatament" ghaliex d-dokumenti li gewipprezentati, fl-original taghhom minn fol 355 sa 357, huma bl-Isvediz, qeghda timmagina l-Qorti, ilsien li l-Qorti la taf u lanqas tifhem, u li l-Qorti mhijiex obbligata li la tkun taf u li lanqas tifhem.

L-attur noe ma ghamel l-ebda traduzzjoni ufficjali tad-dokumenti kif trid il-ligi.

Lanqas ma saret il-prova sal-grad rikjest mil-ligi li effettivament l-oggetti li s-socjeta` attrici rceviet fil-10 ta` April 2014 kienu oggetti falsifikati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Fis-sentenza li tat fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**" din il-Qorti (**PA/JRM**) qalet hekk :-

*… Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta' prova fil-procediment civili m'huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju ...*

*... il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Mercieca) …*

*… il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*

*Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f'kawza li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

*… Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m'ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.) …*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta` April 2007 fil-kawza "**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**" inghad hekk *inter alia* :-

*… Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu.*

Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi l-ewwel talba ta` l-attur noe ma kenitx ippruvata kif trid il-ligi, u ghalhekk qeghda tkun respinta.

## V. **It-tieni talba**

It-tieni talba tal-attur noe lill-Qorti taqra hekk :-

*Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati jew min minnhom agixxew in mala fede tul in-negozju kollhu mas-socjeta rikorrenti.*

L-**Art 981 tal-Kap 16** jaqra hekk :–

*(1) L-eghmil doluz huwa motiv ta` nullità tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx tikkuntratta.*

*(2) L-eghmil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat.*

Il-kawza "**Rev Sacerdot Don Francesco Zammit et vs Avukat Dottor Anthony Farrugia et**" kienet titratta azzjoni ghal annullament ta` bejgh abbazi ta` allegat dolo da parti tal-vendituri. Il-principji generali tad-dritt li kienu enuncjati fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fil-31 ta` Marzu 1967 ighoddu ghall-mertu ta` din it-tieni talba.

Il-Qorti qalet hekk :-

*Biex azzjoni simili tirnexxi jrid qabel xejn jigi ppruvat illi kien hemm dolo da parti ta` wiehed mill-kontendenti. Il-prova tad-dolo – l-ligi tghidu espressament – trid issir minn min jallegah u l-intenzjoni li tqarraq hi essenzjali ghax d-dritt modern ma jammettix d-dolo oggettiv "in re ipsa", hu espress fil-kliem tal-artikolu 1024 tal-Kodici Civili "inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet" illi fit-test taljan tal-artikolu 687 tal-Ordinanza No VII tal-1868 kienu "raggiri usati da uno dei contraenti".*

*… Fi kliem iehor, id-dolo jikkonsisti fir-rieda hazina ta` wiehed mill-kontraenti li topera permezz ta` qerq ("raggiri") biex tiddevja r-rieda tal-iehor billi tipprovaha zball ("errore"). Infatti, ikkunsidrat min-naha tad-"deceptor", id-dolo hu raggir waqt li, ikkunsidrat min-naha tad-"deceptis", hu zball. Il-ligi, li diga tikkontempla li zball bhala vizzju tal-kunsens ghar-rasu, thares f`dan il-kaz aktar `il boghod lejn il-kawza tieghu u twassal ghall-annullament tal-kuntatt anki meta l-izball ma jkunx guridikament sufficjenti biex wahda jgib ghan-nullita.*

*Illi l-gurisprudenza taghna bhal dik ta` legislazzjonijiet simili ghal taghna irrilevat illi mhux kwalunkwe skaltrezza u dolo u li fl-iskambi ekonomici (ghalkemm anki l-lealta kommercjali ghandha l-ezigenzi taghha) certu ftahir tal-haga offerta da parti tal-bejjiegh mhux illecitu fil-kamp guridiku, apparti*

*naturalment il-kamp purament morali, sakemm ma jilhaqx dak il-grad ta` malvagita li hu proprju tad-dolo …*

*Illi element iehor mehtieg espressament mil-ligi (artikolu 1024) biex azzjoni bhal prezenti tigi esperita b`success hu li r-raggiri uzati minn wahda mill-partijiet ikun tali li minghajrhom il-parti l-ohra ma kienitx tikkuntratta u anki din il-prova tispetta lill-atturi. Stanti li d-dolo hu kkunsidrat bhala vizzju tal-volonta hu ragjonevoli li ma jkunx kawza ta` nullita hlief in kwantu jkun ezercita influwenza deciziva fuq id-dikjarazzjoni tal-volonta tal-kontraenti. Mid-diversi distinzjonijiet tad-dolo elaborati fid-dottrina, wahda ghandha verament u partikolarment rilevanza in bazi ghall-kodici taghna, jigifieri dik bejn id-dolo determinanti u dak li ma jkunx tali. Jekk fir-raguni u l-logika d-distinzjoni hi cara, mhux dejjem tipprezenta ruhha facli fl-applikazzjoni taghha. Id-dottrina u gurisprudenza kontemporanei jidhru orjentati bejn apprezzament tad-dolo "in concreto", jigifieri b`riferenza gahll-"istato d`animo" tal-vittma specifika. Min naha wahda il-gudikant irid jikkunsidra l-intenzjoni tal-vittma in relazzjoni ghar-ragunijiet li ddeterminaw il-kunsens u min-naha l-ohra il-grad ta` inesperjenza jew inavvedutezza tal-istess vittma. (Marty et Reynaud, Droit Civil, 1952, Tome II, 1er volume, p 128)*

Fi zmien aktar ricenti bil-preciz fit-3 ta` Marzu 2011 il-Qorti tal-Appell tat sentenza fil-kawza "**Frank u Emmanuela maghrufa bhala Lilian konjugi Frendo vs Joseph Vella et**" fejn inghad hekk :–

*Illi biex il-qerq jivvizzja l-kunsens ta` parti f`kuntratt jehtieg li (a) jithaddmu mezzi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu fihom infushom gravi; (c) b`mod li jkunu determinanti ghan- negozju li jkun sar bejn il-partijiet, u (d), fuq kollox, li tali mezzi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-ohra. Biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta` dehen ordinarju ma jaghrafx li jkun gie mqarraq u jkun ghemil li jmur lil hinn minn ftahir esagerat dwar xi kwalita` tal-oggett tan-negozju, u li kieku ma kienx ghal dak il-qerq, kieku ma kienx jidhol fin-negozju in kwistjoni (Joseph Mifsud noe v. Paul Tanti, Prim` Awla, 4 ta` Frar, 1965).*

*Illi fil-kawza Alice Cassar Torregiani v. A. R. Manche` (A. K. 17 ta` Marzu 1958 – Vol. XLII. i.126) il-Qorti tal-Appell irriteniet illi l-inganni jridu jkunu ta` natura li jistghu jaghmlu impressjoni fuq bniedem sensat, u tali li jeccedu l-limiti tal- furberija tollerata fin-negozju; ghalhekk wiehed ma jistax, fil-konsiderazzjoni taghhom, jipprexxindi mill-kondizzjoni personali tal-partijiet; u fil-valutazzjoni taghhom huwa mehtieg li wiehed jara c-cirkustanzi kollha li fihom gie konkjuz in-negozju. Mill-banda l-ohra sakemm ma jkunx hemm dolo fil-veru sens, jew frodi, s-semplici tifhir tal-oggett u l-ezagerazzjoni tal-valur intrinsiku tieghu, wehedhom, ordinarjament m`humiex hlief is-solita xorta ta` inkoreggiment li fin-negozju huwa tollerat bhala "dolus bonus", biex dak li jkun ikompli jsahhah il-volonta` tal- parti l-ohra biex tikkonkludi l-ftehim. Izda l-istess Qorti kompliet li huwa veru li l-kumpratur seta` jaghmel l- indagnijiet opportuni biex jitkixxef jekk dak li jkun qallu l- venditur kienx minnu; imma jekk ic-cirkostanzi huma tali li x-xerrej ma kellux ragunijiet biex jiddubita mill- assikurazzjonijiet tal-venditur,*

*l-ingann jibqa` li kien il- kawza determinanti tal-bejgh, u kwindi huwa motiv ta` annullament tal-bejgh ta` dak l-oggett.*

*Illi kif intqal tajjeb fis-sentenza <u>P.L. Joseph Zammit noe et v. Joseph Fenech et</u> (Prim` Awla 4 ta` Marzu 2004) "...l-qerq ma jistax jigi allegat meta l-fatti setghu jigu stabbiliti bla xkiel jew diffikulta` zejda mill-parti li tallega l-qerq, ghaliex f`kaz bhal dan ix-xilja ta` qerq ma tkunx ghajr skuza facli biex wiehed jahrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun dahal ghalihom mal-persuna li allegatament uzat il-qerq.*

Fil-kawza tal-lum, il-fatti in succinct huma li f`Jannar 2014, is-socjeta` attrici hadet decizjoni li taghmel negozju mas-socjeta` konvenuta. Fl-ghaxar jum tal-istess xahar ta` Jannar 2014, is-socjeta` attrici bdiet kampanja ta` promozzjoni tal-oggetti li kienet sejra takkwista minghand is-socjeta` konvenuta. Fl-20 ta` Jannar 2014, is-socjeta` attrici hallset 80% tal-prezz. Il-merkanzija li kienet giet ordnata ma waslitx ghand s-socjeta` attrici ; ghalhekk kien ipprezentat rikors ghall-hrug ta` sekwestru fit-19 ta` Frar 2014 ghall-ammont ta` €62,120. Il-mandat hareg. Sa ghoxrin jum mid-data tal-prezentata tal-mandat, ma kien effettwat l-ebda depozitu mill-banek kummercjali li kienu citati bhala sekwestratarji. Is-socjeta` konvenuta ghamlet kuntatt mas-socjeta` attrici u filwaqt li accettat li l-merkanzija ma kenitx waslet ghand is-socjeta` attrici, ipproponiet illi tibghat merkanzija ohra minflok. Waqt li kienu ghaddejjin dawn it-trattativi, fl-4 ta` April 2014, l-HSBC Bank plc iddepozita s-sorte msemmi fil-mandat. Is-socjeta` attrici accettat il-proposta tas-socjeta` konvenuta tant li pprezentat rikors ghall-hrug ta` kontromandat ghall-mandat ta` sekwestru. Il-kontromandat hareg ukoll. In segwitu s-socjeta` konvenuta zbankat il-flus. Meta s-socjeta` attrici rceviet il-merkanzija l-ohra, tghid illi sabet illi l-merkanzija ma kenitx tikkonsisti minn oggetti originali izda minn oggetti kontraffatti. Ghalhekk is-socjeta` attrici pprezenta rikors iehor ghall-hrug ta` mandat ta` sekwestru ghall-ammont ta` €62,120. U saret din il-kawza.

Ghar-rigward tal-mertu ta` t-tieni talba, il-Qorti tirreferi ghal dak li diga` rrimarkat dwar l-ewwel darba fis-sens illi ma kienx ippruvat mill-attur noe illi l-merkanzija "l-gdida" kienet tikkonsisti minn oggetti kontraffatti. *Quindi* lanqas ma tista` tikkonkludi li kien hemm prova ta` qerq da parti tal-konvenuti.

Anke t-tieni talba qeghda tkun **<u>michuda</u>**.

## VI. <u>It-talbiet l-ohra</u>

It-tielet, ir-raba` u l-hames talbiet huma **<u>konsegwenzjali</u>** ghall-ewwel tnejn. Respinti l-ewwel zewg talbiet, ikollhom jigu respinti t-tlieta l-ohra.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet kollha tal-attur noe, bl-ispejjez kontra l-attur noe.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**